MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1379/2003

**Sunsites Limited**

**Vs**

**Intramed Limited**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna ghall-hlas ta' Lm929.03 (disgha mija u disgha u ghoxrin lira maltin u tliet centezmi) ghall-servizzi resi ta' akkomodazzjoni.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 15 ta' Mejju, 2003 u bl-interessi kontra s-socjeta konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment is-socjeta' konvenuta, fit-13 ta' Ottubru, 2003 naqas u ma deherx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------